II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar arranġamenti tal-ħinijiet tas-sajf**

**Skeda għall-perjodi tas-sajf**

(2016/C 61/01)

Mill-2017 sal-2021 inkluża, il-perjodi tas-sajf se jibdew u jintemmu rispettivament fid-dati li ġejjin fis-01.00 UTC — Ħin Universali Koordinat:

— fl-2017: il-Ħdud tas-26 ta' Marzu u tad-29 ta' Ottubru,

— fl-2018: il-Ħdud tal-25 ta' Marzu u tat-28 ta' Ottubru,

— fl-2019: il-Ħdud tal-31 ta' Marzu u tas-27 ta' Ottubru,

— fl-2020: il-Ħdud tad-29 ta' Marzu u tal-25 ta' Ottubru,

— fl-2021: il-Ħdud tat-28 ta' Marzu u tal-31 ta' Ottubru.

---

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Il-Każ M.7891 — The Carlyle Group/Comdata)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2016/C 61/02)

Fil-11 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1]. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32016M7891. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.